# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 35

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fis-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (5:45pm) nhar **L-Erbgħa 12 ta'Mejju 2021**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

**35.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

35.1.1 Ebda talba ta' apoloġija preżentata.

**35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

35.2.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 32, 33 u 34 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera, approvawhom unanimament.

**35.3 Korrispondenza**

35.3.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Patricia Cauchi Farrugia għan-nom ta' Labranda Hotel b'kwotazzjonijiet għal weekend break bejn l-4 u s-7 ta' Ġunju sabiex tkun organizzata attività mill-Kunsill Lokali tal-Birgu, dejjem jekk is-sitwazzjoni preżenti tkun permessibli li jsiru dawn attivitajiet.

35.3.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Kim Smith dwar il-periklu li jista' jikkawża n-nuqqas ta' poġġaman fil-passaġġ ta' quddiem is-*St. Angelo Mansions* fuq in-naħa tat-Toqba (ritratt mehmuż mal-korrispondenza). Il-Viċi-Sindku Chris Cassar qal li hu ma jaqbilx li jsir dan il-poġġaman għaliex l-iskop ta' din il-korrispondenza jista' jkun li mhux vera minħabba raġunijiet ta' periklu iżda biex l-għawwiema li jgħumu t-Toqba, b'mod partikolari t-tfal, ma jaqbżux minn hemm u ma jdejqux lir-residenti li jgħixu fil-*mansions*. Il-Viċi-Sindku qal li kemm-il darba ntbagħtu l-Pulizija biex l-għawwiema ma joqgħodux fuq il-blat ta' quddiem il-*mansions* meta din hija żona għall-għawm. Fuq dan is-suġġett kien hemm diskussjoni sħiħa, liema diskussjoni ġiet permessa mis-Sindku sabiex finalment tittieħed l-aħjar u d-deċiżjoni finali. Is-Sindku talab biex ikun sekondat fuq din il-proposta filwaqt staqsa min mhux favur. Il-kunsillier Jason Portelli ssekonda l-proposta filwaqt li l-Viċi-Sindku Chris Cassar stqarr li se jżomm il-pożizzjoni tiegħu u għaldaqstant mhux favur li jsir il-poġġaman. Il-poġġaman mhux se jsir mill-Kunsill Lokali tal-Birgu peress li din l-art mhix pubblika iżda jsir mill-konsorzju la darba jkun il-kunsill stess li jinfurmhom li għandu jsir. Is-Sindku qal li b'hekk, ikun hemm iswed fuq l-abjad li l-kunsill ġibed l-attenzjoni fuq dan il-periklu jekk fil-futur jinqala' xi inċident.

35.3.3 Preżentata korrispondenza mibugħta mis-Sur Andrew Vella, il-kuntrattur tal-kumpanija Silvar Construction li rebaħ it-tender tal-imprint concrete. F'din il-korrispondenza s-Sur Vella qed jitlob ħlas addizzjonali ta' elfejn Ewro (€2000) għax-xogħol li se jsir fi Triq il-Pjazzetta. Is-Sindku qal li għal dawn it-toroq diġà hemm spejjeż oħra fosthom is-servizzi li ser tgħaddi l-Korporazzjoni tal-Ilma u l-ħlas għas-sorveljanza tas-Sovratindenza tal-Patrimonju Kulturali. Is-Sindku qal li m'hemmx triq oħra ħlief li dan il-ħlas ikun miżjud mal-istima tax-xogħlijiet għal din it-triq sabiex b'hekk jinbeda x-xogħol mill-aktar fis possibli. Is-Sindku propona li din is-somma titħallas u l-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

35.3.4 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Christian De'Bono għan-nom ta' *Battle Front Malta* dwar attività marbuta mal-istorja bl-isem *History on Wheels*. L-idea tal-attività hija li ssir wirja mat-toroq tal-Birgu permezz ta' nies liebsa tal-militar u l-inġenji tagħhom. Din l-attività tkun waqfa ta' nofs siegħa jew siegħa fil-Birgu. Marbuta ma' din l-attività hemm donazzjoni ta' mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€125) għal nofs siegħa jew mitejn Ewro (€200) għal siegħa sħiħa. Il-Kunsilliera preżenti qablu li ssir attività ta' siegħa biex b'hekk din l-attività ssir u terġa tqajjem ftit moviment kulturali fil-Birgu wara l-waqfa li ġabet magħha l-pandemija. L-attività hija maħsuba li ssir il-Ħadd 6 ta' Ġunju filgħodu.

35.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Joseph Bugeja, Chairman u CEO ta' *Transport Malta* dwar il-ħsieb ta' pontuni fil-baħar ta' bejn il-Birgu u l-Kalkara. Is-Sur Bugeja kiteb lura li ser ikun qed jikkonsidra t-talba tal-Kunsill Lokali tal-Birgu biex issir laqgħa dwar dawn il-pontuni sabiex il-kunsill juri wkoll id-diżapprovazzjoni dwarhom, qabel ma' tkun sottomessa xi applikazzjoni mal-awtoritajiet konċernati.

35.3.6 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Kevin Borda għan-nom tas-Sovratindenza tal-Patrimonju Kulturali sabiex tinforma lis-Sindku li l-ispejjeż ta' dokumentazzjoni u monitoraġġ waqt ix-xogħlijiet fi Triq il-Pjazzetta se jkunu minimizzati kemm jista' jkun.

35.3.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Ramona Portelli mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar is-sitwazzjoni tal-WiFi pubbliku fil-lokalitajiet madwar Malta. Il-kunsilliera kollha qablu unanimament li mmorru għall-ewwel alternattiva, dik li ningħaqdu mas-sejħa li ser joħroġ id-dipartiment stess sabiex dan is-servizz jintoffra fil-lokalitajiet madwar Malta.

32.3.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Mandy Vella għan-nom tal-kumpanija Busy Bee Group. Il-kumpanija qed titlob lill-Kunsill Lokali tal-Birgu

jirrakomanda lill-Busy Bee għall-catering lil dawk li jikru Couvre Porte. Iżda, jekk min se jikri ma jridx juża s-servizz tal-Busy Bee, jista' jagħżel kumpanija oħra u b'hekk il-kunsill ma jkunx marbut li min jikri Couvre Porte irid jaħdem fil-Busy Bee bilfors. Il-kunsillier Trevor Mizzi qal li din tista' tkun inizjattiva tajba sabiex kemm-il darba min jikri Couvre Porte jagħżel li jaħdem bil-Busy Bee, il-kumpanija toffri servizzi ta' catering b'xejn għal xi reception jew attivita li jkollu l-kunsill stess bħala forma ta' ħlas (commission) lura lill-kunsill. Il-kunsilliera qablu u għalhekk is-Sindku għandu jagħmel kuntatt lura mal-kumpanija biex ikompli jiddiskuti l-proposti tal-kumpanija u tal-kunsill.

35.3.9 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Fabian Galea, mill-*EU & International Affairs Unit* fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-programm il-ġdid tal-Unjoni Ewropea dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri. Is-Sindku qal li nistgħu napplikaw għas-sejħa tal-Kommemorazzjoni Ewropea li tikkomemmora avvenimenti fl-istorja Ewropea. Is-Sindku talab lill-Kunsillier Trevor Mizzi biex jieħu ħsieb din il-biċċa tax-xogħol.

35.3.10 Preżentati żewġ stimi għax-xogħol ta' żewġ vetrini, waħda għall-bandalora tar-rakkmu tal-kunsill u oħra sabiex issir vetrina f'daħla fil-ħajt fis-Sala John Boxall sabiex tieħu post dik li kienet saret b'mod ħażin. Is-Sindku qal li dawn il-vetrini se jkunu koperti mid-donazzjonijiet li ser iġib u mhux mill-fondi tal-kunsill. Dawn iż-żewġ stimi ġew approvati mill-kunsilliera kollha.

35.3.11 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija GO b'risposta għall-email li bgħat il-kunsill sabiex il-*coin box* li hemm fit-telephone box ħdejn l-għassa tal-Pulizija fi Triq Desain, titneħħa biex din it-telephone box tkun tista' ssir librerija miftuħa. Il-kumpanija GO qalet li ma tistax twettaq dak li qed jitlob il-kunsill peress li dawn huma skedati. Is-Sindku qal li hu reġa' bgħat korrispondenza biex jispjega iżda s'issa ma waslet l-ebda risposta. Il-kunsillier Anton Gellel qal jista' jkun li kien hemm nuqqas ta' ftehim min-naħa tal-kumpanija li ma fehemitx it-talba tal-kunsill. Għaldaqstant is-Sindku qal li se jkun qed jerġa' jikteb lill-kumpanija biex jispjega t-talba li qed jagħmel il-kunsill.
35.3.12 Preżentata korrispondenza mibgħuta lis-Sur Joe Attard, CEO tal-kumpanija Green MT dwar is-sitwazzjoni tal-*Bring-in Sites* fil-Birgu, liema sitwazzjoni ilha għaddejha minn Mejju tal-2019. Is-Sindku qal li l-kunsill se jkun qed iħallas lill-kuntrattur tal-ġbir żejjed li qed isir peress li l-*Bring-in Sites* huma mkissra u għalhekk dak li qed jintefa' fihom, qed joħroġ minn fejn huma maqsumin. Is-Sindku talab biex fuq approvazzjoni tal-kunsill, isiru taħdidiet mal-kumpanija GreenPak sabiex tieħu post il-GreenMT la darba l-kontenituri qatt ma nbidlu kif kien imwiegħed mis-Sur Joe Attard. Il-kunsillier Anton Gellel

issuġġerixxa biex flok jintefqu l-flus fi ġbir żejjed mill-kuntrattur, jinxtraw kontenituri ġodda mill-kunsill stess. Is-Sindku qal li ma jaqbilx għaliex dawn huma għoljin ħafna u l-kumpanija li tieħu ħsieb il-*Bring-in sites*, hija obbligata li tipprovdi kontenituri kif suppost. Il-kunsilliera kollha qablu li GreenMT tieqaf milli tagħti servizz lill-kunsill u tidħol il-GreenPak minflok.

35.3.13 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur George Agius dwar l-isem li jista' jingħata lis-sala l-kbira fit-tielet sular tal-Berġa ta' Franza. Intant l-intrata qabel tidħol għaliha tissejjaħ 'Piano Nobile' filwaqt li s-sala l-kbira tista' tingħata l-isem ta' 'Aula Città Vittoriosa'. Is-Sindku u l-kunsilliera qablu unanimament.

35.3.14 Preżentata stima tax-xogħol għar-restawr tal-pjanu li jinsab fis-sala ta' fuq fil-Berġa ta' Franza. L-istima tindika żewġ għażliet, jew il-pjanu jiġi restawrat fil-post jew inkella jittieħed fil-maħżen tal-kumpanija li se tirrestawrah, bit-tieni għażla tkun aktar għola peress li r-restawr jidħol aktar fid-dettal. Bil-prezz tat-tieni għażla jridu jintalbu żewġ stimi oħra. Is-Sindku qal li jekk dan ix-xogħol fuq il-pjanu jsir, il-ħlas se jsir mid-donazzjonjijiet li qed jiġbor. Dan il-pjanu jista' jibda jintuża għal xi kunċerti fis-sala tal-Berġa ta' Franza stess.

35.3.15 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur George Agius dwar il-ftehim li ffirma għan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Birgu flimkien mal-Fondazzjoni Kottonera dwar il-fondi li se jingħataw bħala għajnuna għall-pubblikazzjoni tal-ktieb 'Il-Birgu – ilbierħ u llum' li se jiġbor fih ritratti mill-passat u l-preżent.

35.3.16 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Sharon Abela għan-nom ta' *Il Bio-distretto della Via Amerina e delle Forre* dwar proġett li jitratta l-aġrikultura u t-turiżmu. Is-Sindku qal li talab aktar informazzjoni dwar dan il-proġett sabiex jekk ikun jaqbel, il-Kunsill Lokali tal-Birgu ikun imsieħeb fil-proġett.

35.3.17 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Lianne Cassar dwar il-proġett ta' *Slow Streets*. Peress li din il-preżentazzjoni tal-proġett hi xi ftit jew wisq twila, il-korrispondenza ser tintbagħat lill-kunsilliera għad-dispożizzjoni tagħhom. F'din il-korrispondenza hemm studju sħiħ dwar il-possibiltà tal-proġett *Slow Streets* fil-lokalità tal-Birgu.

35.3.18 Preżentata informazzjoni dwar vann tal-eletrikku *Nissan eNV200 Panel Van* sabiex jintuża għal-lant tax-xogħol mill-ħaddiema fuq xogħol li jsir fuq barra. Il-van ikollu kollox fih bil-lest biex meta jkun hemm xi xogħol fuq barra, l-ħaddiema jgħabbu biss li jkollhom bżonn u jmorru. Il-Kunsillier Anton Gellel issuġġerixxa li ma jkollux seat ieħor fuq wara għax l-ispazju jitnaqqas sew. Is-

Sindku qal li s-suġġeriment huwa tajjeb biss normalment dejjem ikunu tlieta l-ħaddiema li jmorru fuq xi biċċa xogħol u għaldaqstant, post ieħor fuq wara, huwa utli wkoll. Il-prezz tal-vann huwa ta' ħamsa u tletin elf u erba' mitt Ewro (€35,400) li jekk tnaqqas tnax-il elf Ewro (€12,000) mill-iskema tal-Gvern meta tieħu karozza għall-*iscrap*, ikun jonqos tlieta u għoxrin elf u erba' mitt Ewro (€23,400) VAT inkluż. Is-Sindku qal li se jipprova jiġbor donazzjoni għal dan il-van bħalma ġab għall-vann tal-anzjani. Is-Sindku qal li dan il-vann huwa tajjeb biex jintuża mill-ħaddiema u huwa tajjeb ukoll għall-ambjent peress li jaħdem bl-elettriku.

**35.4 Tagħrif dwar il-proġett tad-Dar tal-Anzjani**

35.4.1 Is-Sindku qal li ftit jiem ilu l-kunsill iltaqgħa mal-iżviluppatur li wera l-interess li jibni dar tal-anzjani. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm ukoll il-Perit George Pullicino u s-Sur Tony Abela li ressaq lil dan il-kuntrattur sabiex jiżviluppa art tal-kunsill f'Dar tal-Anzjani fiż-żona f'Tal-Ħawli.

35.4.2 Is-Sindku qal li ftit hemm x'tgħid peress li kulħadd kien preżenti għal-laqgħa ħlief għall-Viċi-Sindku Christopher Cassar li ma setax jattendi minħabba raġunijiet ta' xogħol. Is-Sindku qal li l-proġett jiddependi mill-approvazzjoni tal-Kulleġġ ta' De La Salle sabiex japprovaw mingħajr oġġezzjoni li fuq in-naħa tal-kulleġġ, il-blokka jkollha gallariji jħarsu lejn il-kulleġġ.

35.4.3 Jekk kemm-il darba l-kulleġġ joġezzjona li jkollu gallariji jħarsu lejn l-iskola, il-proġett jieħu dimensjoni oħra u jkun irid isir studju jekk ikunx għadu sostenibbli li jsir l-iżvilupp.

**35.5 Tagħrif dwar il-Proġett tal-Pjazza**

35.5.1 Is-Sindku John Boxall ressaq preżentazzjoni mibgħuta minn Dr Antoine Zammit li ħa ħsieb li jagħmel id-disinn il-ġdid għar-riġenerazzjoni tal-Pjazza tal-Birgu. Il-kunċett huwa kompletament ġdid minn kif inhi l-pjazza bħalissa fejn parti minnha ser tkun dedikata kompletament bħala żona pedonali. Is-Sindku qal li l-pjattaformi tal-ħwienet ser jispiċċaw u l-imwejjed u s-siġġijiet se jitqiegħdu direttament mal-art fiż-żoni li jinsabu bħalissa quddiem il-ħwienet rispettivi.

35.5.2 Is-Sindku qal li s-siġar maħsuba għan-nofs tal-Pjazza, talab li dawn jitħawwlu fi planters li jkunu jistgħu jiċċaqalqu. Dan biex ma ssirx ukoll ħsara bl-għeruq tas-siġar lis-saqaf tal-ġibjun li hemm taħt il-Pjazza. Fl-istess waqt is-siġar

ma jkunux kbar li jgħattu l-monument tal-istatwa ta' San Lawrenz u l-faċċata tal-Każin tal-Banda ta' San Lawrenz.

35.5.3 Il-Kunsillier Jason Portelli rrimarka li jkun tajjeb jekk issir laqgħa mal-Kumitati tal-Festi Esterni ta' San Lawrenz u San Duminku sabiex ikollhom idea tal-proġett minħabba l-armar. Is-Sindku qal li ser tintalab laqgħa ma' dawn il-kumitati u laqgħa oħra mal-Każin tal-Banda San Lawrenz minħabba l-armar tal-planċier li suppost mhux ser jiġi affetwat.

35.5.4 Il-Kunsillier Anton Gellel ġibed l-attenzjoni li r-rotot tal-purċissjonijiet se jinbidlu wkoll hekk kif issa mhux se jkun possibli li purċissjoni tgħaddi min nofs il-Pjazza.

35.5.5 Is-Sindku qal li l-unika ħaġa li se jerġa' jiċċara fuqha hi li Triq La Valette, it-traffiku jitla' minnha u jinżel minn Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur u mhux bil-kontra. Il-Kunsillier Anton Gellel issuġġerixxa li la darba t-triq tkun lesta, il-parkeġġ fi Triq La Valette jiġi kollu fuq naħa waħda, jiġifieri fuq in-naħa tal-lemin (tħares 'il fuq mill-Pjazza). Is-Sindku qal li dan huwa suġġeriment tajjeb u li hu possibli li jsir.

35.5.6 Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera kollha qablu u approvaw dan id-disinn tal-Proġett tal-Pjazza tal-Birgu.

**35.6 Tagħrif dwar il-Proġett tas-Simenta**

35.6.1 Is-Sindku qal li l-proġett fuq is-saqaf tal-belvedere tas-Simenta se jibda mill-Awtorità tal-Artijiet fil-jiem li ġejjin. Is-saqaf se jinqala' saff minnu biex jingħata l-membrane u saff konkos sabiex jissaħħaħ. Waqt il-proċess, se jgħaddi mill-ġdid id-dawl ta' din iż-żona sabiex titwaqqaf il-problema li fih id-dawl preżenti.

35.6.2 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni applikazzjoni **BM-150-2021 Embellishment of Urban Squares** maħruġa mill-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar fejn permezz ta' din l-applikazzjoni, il-kunsill jista' jibbenefika minn fondi sabiex l-ispejjeż li ser jagħmel il-kunsill fuq dan il-belvedere, jiġu finanzjati minn din l-iskema. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

**35.7 Tagħrif dwar il-proġett tal-Glażiż**

35.7.1 Preżentata l-appikazzjoni *SPI/SCI/2/2021* **Finanzjament għal żvillupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex** sabiex jintalbu fondi għall-appart tal-bandli fil-Proġett tal-Glażiż. Din l-applikazzjoni ġiet imressqa mis-Sindku John Boxall u approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

35.7.2 Is-Sindku qal li bħalissa l-Perit Melanie Spiteri qed tħejji l-pjanti li hemm bżonn għal dan il-proġett sabiex tkun tista' tiġi mressqa l-applikazzjoni għall-approvazzjoni mill-awtoritajiet konċernati.

**35.8 Ismijiet tat-Toroq**

35.8.1 Il-Kunsillier Jason Portelli ressaq dan il-punt għall-aġenda wara diskussjoni li qajjem il-Viċi-Sindku Christopher Cassar dwar Triq il-Lunzjata u Triq il-Palazz tal-Isqof, b'tal-aħħar qed tkun xi drabi diffiċli li tinstab wara li din it-triq inqasmet min-nofs u nżamm l-isem għall-parti ta' fuq biss.

35.8.2 Is-Sindku John Boxall qal li hu ma jaqbilx li Triq Il-Mina l-Kbira tinbidel għal Triq il-Lunzjata. Is-Sindku saħaq li fil-Kumitat tar-Riabilitazzjoni tal-Kottonera, qabel ma nbeda r-restawr tas-swar, kien ippropona li ssir il-mina l-ġdida li llum insibu fid-daħla tal-Birgu u għalhekk Triq il-Mina l-Kbira ġiet tagħmel ħafna aktar sens. Is-Sindku qal li wara li kienet saret talba mill-Patrijiet Dumnikani għal Triq il-Lunzjata, fil-ftuħ tal-istess triq ħadd mill-komunità Dumnikana ma' kien preżenti ħlief għall-Pirjol ta' dak iż-żmien u l-kunsilliera Trevor Mizzi u Christopher Cassar. Dan intqal sabiex juri x'interess kien hemm wara l-kunsill approva t-talba għall-bdil ta' dan l-isem.

35.8.3 Il-Kunsillier Jason Portelli qal li hu ħa l-oppinjoni tal-patrijiet u l-komunità Dumnikana jekk isibux xi oġġezzjoni li Triq il-Lunzjata tiċċaqlaq u tiġi minflok Triq il-Mina l-Kbira. Is-Sur Portelli qal li huma ma jsibu ebda oġġezzjoni u għamel dan wara li fl-aħħar laqgħa tal-kunsill li fiha tqajjem dan il-punt, is-Sur Portelli qal li s-Sindku talbu jieħu oppinjoni. Intant, is-Sindku qal li hu ma qalx hekk waqt il-laqgħa u talab biex jiġu ċċekjati l-minuti u qal li la darba dawn ġew approvati, sinjal li ġew moqrija mill-kunsilliera u qablu ma dak miktub. Is-Sur Portelli qal li se jħossu li se jaqa' għaċ-ċajt dwar dan is-suġġett mal-komunità Dumnikana, biss is-Sindku qallu li din kienet sempliċiment oppinjoni li mar talab u ma kienx qed jintrabat li bilfors se jsir hekk. Is-Sindku qal lis-Sur Portelli li hu jaqa' għaċ-ċajt biss jekk ikkommetta ruħu li Triq il-Mina l-Kbira tiġi Triq il-Lunzjata, liema punt ġie annegat mill-ewwel mis-Sur Portelli.

35.8.4 Il-Kunsillier Anton Gellel qal li hu jtenni dak li hemm diġà miktub fil-minuti fejn jgħid li hu ma jsib ebda oġġezzjoni li kieku l-isem ta' Triq il-Mina l-Kbira jinbidel iżda l-ewwel jintalab parir min persuna bħal George Agius biex jara s-sinfikat u l-istorja wara l-isem. Is-Sindku reġa' qal li kif inhu l-isem bħalissa jagħmel aktar sens wara li nbniet il-mina l-ġdida fid-daħla tal-Birgu.

35.8.5 Il-Viċi-Sindku Christopher Cassar qal li la darba Triq il-Lunzjata ser tibqa' fejn hi bħalissa, għandha ssir tabella ma' pipe fil-bidu tat-triq li jindika fejn tinsab Triq il-Palazz tal-Isqof. Is-Sindku qal li se jkun qed jieħu ħsieb li dan isir mill-aktar fis possibli.

35.8.6 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq f'Malta sabiex parti minn Triq il-Kunvent (it-taraġ) jinbidel għal **Triq Lino Bugeja 1930-2017,** kif kienet approvata mill-kunsill stess.

## 35.9 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku

35.9.1 Il-Kunsillier Anton Gellel ġibed l-attenzjoni li l-plakka tal-isem ta' Triq l-10 ta' Awwissu 258, kantuniera ma' Triq il-Mina l-Kbira m'għadux imwaħħal. Jekk forsi dan tkisser, ikun xieraq li jerġa' jsir mill-ġdid.

## 35.10 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-**approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 25** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, **BOV 5954** sa **BOV 5986** u ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskeda preżentata.

**35.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-disgħa u nofs ta` filghaxija (9:30pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir it-Tlieta 1 ta` Ġunju 2021 fis-sitta neqsin kwart ta` filgħaxija (5:45pm).

Konfermati llum: **1 ta' Ġunju 2021.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| | |
| John Boxall<br>Sindku | Christian Lawrence Raggio Vella<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |